KLR 16/VIII/2020

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ħamis, 29 t'Ottubru, 2020 fil-17.00.

PREŻENTI: Il-Viċi Sindku Brian Azzopardi, il-membri Michel Buttigieg, Joseph Debrincat, Marcell Tabone, Charlie Hili u Maria Portelli u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT: Is-Sindku Josef Schembri.

Il-laqgħa ġiet preseduta mill-Viċi Sindku peress li s-Sinkdu kien skużat.

**16.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**16.2 Mozzjonijiet f'isem il-membri**

Mozzjoni Numru 5 ġiet imressqa mill-kunsillier Buttigieg u ssekondata mill-kunsillier Debrincat.

**Mozzjoni numru 5**

**Ir-residenti talbuni biex titqaxxar parti mill-bidu ta' Triq Santa Marta sa ħdejn il-fabrika tal-aluminju u terġa tinkesa bit-tarmak għax din il-parti tinsab fi stat ħażin ħafna u żżomm ħafna ilma tax-xita.**

Il-membri qablu li jittieħed il-parir tal-Perit biex il-Kunsill ikun jaf x'għandu jsir.

**16.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku kien skużat.

16.3.1 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni fir-rigward tat-trakkijiet li qed jgħaddu minn Triq Vajrinġa waqt li t-tfal ikunu ħerġin mill-iskola. Sakemm jgħaddu dawn it-trakkijiet il-ġenituri u t-tfal li jkun hemm quddiem l-iskola ma jistgħux iżommu d-distanza peress li jridu jagħmlu l-wisa' biex jgħaddu dawn it-trakkijiet. Din hi l-unika skola fejn it-triq tibqa' miftuħa sakemm it-tfal ikunu deħlin jew ħerġin. Il-membri qablu li għandha tinġibed l-attenzjoni ta' *Transport Malta* (TM). Il-Kunsill hu konxju u japprezza l-preżenza tal-Uffiċjali ta' TM li jkunu quddiem l-iskola jidderieġu t-traffiku. Wieħed għandu jieħu wkoll in kunsiderazzjoni l-fatt li fi Triq Enriko Mizzi żdiedu l-*mini buses* li jġorru l-istudenti tal-Seminajru.

16.3.2 Il-membri ġew mgħarrfa li nħareġ il-permess mill-Awtorita’ tal-Ippjanar – PA/09881/19 sabiex isir it-taraġ fi Sqaq numru 1 ta’ Triq Mons. Ġużeppi Farrugia.

16.3.3 Il-membri ġew mgħarrfa li l-Bord tal-Appelli Dwar il-Liċenzjar bagħat id-deċiżojni tiegħu dwar l-appell li kienu resqu diversi bejjiegħa tal-monti fir-rigward tat-trasferiment tal-monti għal-Pjazza Savina. Diversi aggravji mressqa ġew miċħuda u l-punt li jikkonċerna l--Kunsill hu li l-Bord qed jgħid li Triq Mons. Luigi Vella għandha tingħalaq waqt il-ħin tal-monti. Il-Kunsill ser jappella peress li l-Bord tal-Appelli mhuwiex l-entita’ li tiddeċiedi fuq traffiku u egħluq ta’ toroq.

**16.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsillieri**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

16.4.1 id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali rigward:-
(i) SPI/SCI/5/2020 – Fond ta’ Manutenzjoni u Sostenn ta’ Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern;
(ii) SPI/SCI/6/2020 – Finanzjament għall-Kreazzjoni ta’ Spazji Miftuħa fiċ-Ċentru tal-Ibliet u l-Irħula f’Malta u Għawdex;

16.4.2 l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali rigward:-
(i) Cir AKL 2020/118 Skema ta’ tħawwil ta’ siġar f’żoni urbani;
(ii) Cir AKL 2020/078 Kontroll fuq il-ħamiem selvaġġ. L-Assoċjazzjoni ingħatat fondi sabiex jinbeda l-kontroll tal-ħamiem selvaġġ. Ser jinbeda x-xogħol fuq l-offerta;

16.4.3 ir-Reġjun Għawdex rigward:-
(i) taħriġ dwar l-użu tal-AED;
(ii) l-ammont tal-ispiża tal-ġbir tal-iskart tal-istabbilimnet li jipprovdu ikel u xorb fil-lokalita’. Il-Kunsilli Għawdxin intalbu stima ta’ kemm tista’ tkun l-ispiża jekk l-iskart ta’ dawn l-istabbilimenti jibda’ jinġabar ma’ dak residenzjali. Wara li ġiet konsultatha l-KIP, l-ispiża tal-Kunsill tar-Rabat hi ta’ €250, VAT u *tipping fees* esklużi, għal kull ġabra. Il-Kunsill jaqbel li dan isir dment li l-ispiża tiġi koperta mill-Gvern Ċentrali;
(iii) *bye-laws* reġjonali. Tressqet ukoll kopja ta’ *Bye-Law* tal-Kunsill Lokali ta’ San Lawrenz li tirrigwardja tnaqqis ta’ inkonvenjent fir-rigward ta’ rimi illegali ta’ skart;

16.4.4 *Community Workers Scheme Enterpise Foundation* rigward il-*Performace Reports.* Il-bonus ta’ dawn il-ħaddiema ġie approvat.

16.4.5 Francis Cassar mit-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Din it-Taqsima ser tieħu ħsieb li jsiru bozoz mal-art taħt il-Monument ta’ Kristu Re fi Pjazza Indipendenza. Intalab il-permess tal-Kunsill sabiex jinqala xi madum biex jitgħadda d-dawl. Il-madum jerġa jitpoġġa kif kien. Il-membi ma sabux oġġezzjoni.

16.4.6 Tony Micallef, *Donor Liaison* fin-*National Blood Transfusion Centre*. Il-Kunsill ġie rringrazjat talli mexxa sabiex tissemma Triq id-Donaturi tad-Demm.

16.4.7 Joseph Debrincat għan-nom tal-Amministrazzjoni tal-Partit Laburista, titħawwel siġra fil-*playing field* li tikkommemora l-egħluq il-mitt sena tal-partit. Il-membri ma sabux oġġezzjoni;

16.4.8 l-iskrivani fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-kunsill approva t-trasferiment tal-*vacation leave* li baqalhom mis-sena 2020 għas-sena 2021;

16.4.9 Isabelle Farchy fejn issuġġeriet li jitnaqqas id-dawl fit-toroq San Ġorġ u Sir Mikelangelo Refalo. Il-membri ma qablux minħabba s-sigurta f'dawn it-toroq id-dojoq;

16.4.10 l-Avv. Angele Formosa li kitbet għan-nom ta' Publius Grima li għandu permess ta' street hawker. Il-Kunsill kien tah permess sabiex jopera mill-parkeġġ il-kbir ta' wara l-bus terminus fil-weekend. Hu talab sabiex ikollu jkollu kaxxa miżbugħa li tiddefinixxi li l-post allokat lilu. Dan minħabba li qed jaħseb li dan il-post ser jiġi allokat lil ħaddieħor mill-Awtorita' tal-Ippjanar. L-Avukat tal-Kunsill irrispondiet li billi Publius Grima għandu peress ta' *street hawker,* ma jistax jingħata post fiss;

16.4.11 Oliver Farrugia li talab permess sabiex ipoġġi vending machine fi Triq Ninu Cremona fuq il-bankina biswit il-*bus stop* maġenb il-*Villa Rundle.* Il-membri qablu li għandu jkollu l-permessi kollha neċessarji qabel il-Kunsill joħroġ il-permess;

16.4.12 Joseph Debrincat li talab sabiex parti minn Triq Sant' Ursola tissemma Triq Samuel Bugeja li ddisinja bosta opri artistiċi fil-Katidral. Il-membri ma jixtiqux li Triq Sant Ursola terġa' tittiħdilha parti minnha u tissemma mod ieħor, kif ġara meta parti minnha ssemmiet Triq Papa Ġwanni Pawlu II.

**16.5 Immaniġjar tat-traffiku**

*Transport Malta*(TM) ħarġet permess għall:-

16.5.1 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem ir-residenza ta' Martha Bonniċi, 'Luimar', fi Triq Qasam San Ġorġ;

16.5.2 tabelli li jindikaw biex tnaqqas il-veloċita' peress li fi Triq Ħamamiet hemm l-irziezet.

*Korrispondenza relatata mat-traffiku*

16.5.3 Intalab permess għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem ir-residenza ta':-

(i) Kylan Ballucci, 6A, Pjazzetta fuq it-Tomba;
(ii) Francesco Cassar, 'Xambekk Court', Flat H, Triq Wied Seqer.

Tressqet korrispoondenza mingħand:-

16.5.4 il-Kap tal-iskola primarja tar-Rabat, talab sabiex jekk hu possibbli ma jgħaddux vetturi tqal minn Triq Sir Arturo Mercieca mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09.00 u nofsinhar. Dan peress li t-twieqi tal-klassijiet iridu jinżammu miftuħa. Din ġiet diskussa ma TM u hu ftit diffiċċli li ssir

peress li  Triq l-Imgħallem ser tingħalaq minħabba li ser jinbeda x-xogħol ta’ *culverts* u tarmak minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex;

16.5.5 Sammy Mifsud li talab sabiex jerġgħu jinżebgħu il-parkeġġi ta’ Triq il-31 ta’ Marzu 1979.  Il-Kunsill għandu jara li dawn jinżebgħu;

16.5.6 Dolindo Cassar fejn għarraf lill-Kunsill fir-rigward ta’ min għandu garaxx fi Triq Vajrinġa.  TM ġiet infurmata b’dan.  Wara li ngħalaq l-aċċess minn Triq Enriko Mizzi għall-Pjazza San Franġisk, residenti minn Triq Vajrinġa lmentaw li biex jidħlu fit-triq tagħhom iridu jduru mar-Rabat;

16.5.7  Paul M Cassar fejn issuġġerixxa li terġa titpoġġa speed bumb fil-bidu ta’ Triq Vajrinġa.  Il-membri ma qablux peress li quddiem fejn kienet din l-ispeed bump, sid il-propjeta’ ma jaqbilx.  Il-Kunsill ikkunsiedra wkoll li t-traffiku minn Triq Vajrinġa naqas minn meta ingħalaq l-aċċess minn Triq Enriko Mizzi.

**16.6   Xogħlijiet tal-Kunsill**

Il-membri ġew mgħarrfa li:-

16.6.1  ġew sottomessi l-applikazzjonijiet mal-Awtorita’ tal-Ippjanar biex jinżabbru s-siġar taż-żebbuġ ta’ fuq iz-zuntier tal-Kunvent tal-Kapuċċini u s-siġar ta’ quddiem l-iskola primarja tal-Vajrinġa.

16.6.2 nħareġ il-permess sabiex jiġi restawrat San Ġorġ tal-Ħaġar;

16.6.3  nżabbretil-palma li hemm fi Triq Palma;

**16.7      Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

16.7.1  Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta’ Ottubru 2020 skond dokument A anness.

16.7.2 Il-membru Ħili ġibed l-attenzjoni fir-rigward tal-kontijiet pendenti li l-Kunsill għandu ma’ Gatt.  Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-minuti KLR13/VIII/2020, li saret f’Lulju li għadda u fejn ġew mistiedna jattendu l-laqgħa l-Perit Edward Scerri u William Sultana li kienu nvoluti fil-proġett ERDF li sar mill-Kunsill preċedenti.  F’dawn il-minuti hemm kollox fid-dettall u l-membri kollha tal-Kunsill kienu preżenti.  Is-Segratarju Eżekuttiv spjegat li meta sar l-inċidnet fi Triq it-8 ta’ Diċembru, lura fl-1998, u kien hemm il-kawża l-Qorti, liema kawża l-Kunsill appella minnha,  kienu twaqqfu l-pagamenti fuq ix-xogħol ta’ tarmak li Gatt kien għamel fi Triq il-Mitħna.  Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li tieħu l-parir tal-Avukat sabiex jekk hu possibbli, dan il-kont fuq Triq il-Mitħna li parti sostanzjali minnu diġa’ tħallas, jiġi finalizżat.  L-istess xogħol għad irid jiġi ċertifkat mill-Perit.  Il-membri qablu.

Kont ieħor li hemm pendenti ma’ Gatt hu x-xogħol li għamel fir-rigward ta’ kuntratti VLC/12/2016 li  jkopri xogħol ta’ tneħħija ta’ *bollards* u *railing* u tħammil mad-dawra tal-*playing field* u VLC/11/2016 li jkopri konkos għas-sodda biex jitpoġġa l-*fence* ta’ madwar il-

*playing field*. Il-prezzijiet ta' dawn il-*quotations*, li għalihom hemm kuntratt iffirmat huma ta' €1,662.75 u €4,681.40 rispettivament. Gatt bagħat il-kontijiet datati 18 ta' Ġunju 2020 bl-ammonti ta' €2,279.52 (VLC/12/2016) u €7,255.70 (VLC/11/2016). Is-Segretarju Eżekuttiv kienet infurmat lill-membri tal-Kunsill minnufih u dawn il-kontijiet qegħdin għand il-Perit Scerri sabiex jiċċertifikom. Dan kollox ukoll qiegħed spjegat f'KLR13/VIII/2020.

**16.8 Xogħlijiet oħra**

16.8.1 Il-Kunsill għandu jitlob sabiex jinżabbru s-siġar ta' Pjazza Santu Wistin mid-Dipartiment tal-Agrikultura kif isir is-soltu.

16.8.2 Il-membri qablu li jinżebgħu ir-road markings li hemm f'taċ-Ċawla H.E. minħabba li hemm minnhom m'għadhomx jidhru.

**16.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fit-20:00 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis, 3 ta' Diċembru 2020 fil-17:00.

| | |
|---|---|
| Brian Azzopardi | Miriam Attard |
| Viċi Sindku | Segretarju Eżekuttiv |